*Distanza Legali; Art. 443 (Kap. 16);*
*Tnehhija ta' aperturi li jiksru din id-distanza*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Jannar, 2018**

**Numru 1**

**Citazzjoni Numru 790/05JRM**

**Saviour u Ersilia konjugi Borg (Karti ta' l-Identita` Numri 245851 (M) u 126248 (M) rispettivament)**

**vs**

**Paul Camilleri u b'degriet tal-1 ta' Frar 2006 giet imsejha fil-kawza l-kumpannija Sovereign Holdings Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat ic-Citazzjoni tal-Atturi konjugi Borgypprezentata fis-26 ta' Awwissu 2005 u mahlufa minn Saviour Borg fl-istess data li permezz taghha talbu s-segwenti:-

> "Peress illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond bl-isem ta' Elson, 4, Triq Hal Warda, Attard.

Peress illi meta ricentement il-konvenut zviluppa l-fond proprjeta` tieghu fi Triq iz-Zaghfran, Attard li jinsab ezattament adjacenti u jmiss mal-fond proprjeta` ta' l-atturi fuq imsemmi, huwa naqas milli jzomm id-distanzi rikjesti mill-ligi ta' l-aperturi mill-hajt divizorju li jifred dan l-istess fond tieghu mill-fond proprjeta` ta' l-atturi fuq riferit ai termini ta' l-artikolu 443 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat anke ufficjalment huwa baqa' inadempjenti.

Jghid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut naqas milli jzomm id-distanzi rikjesti mill-ligi ta' l-aperturi mill-hajt divizorju li jifred il-fond tieghu mill-fond proprjeta` ta' l-atturi fuq riferit ai termini ta' l-artikolu 443 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju determinat mill-Qorti jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha necessarji sabiex jinzammu d-distanzi fuq riferiti skond il-ligi u dana b'opera ta' perit arkitett nominat mill-Qorti;

3. Tawtorizzaha lill-atturi sabiex jesegwixxu l-istess xoghlijiet a spejjez tal-konvenut fl-eventwalita` ta' inadempjenza ta' l-istess konvenut u dana taht is-sorveljanza ta' perit arkitett jekk jidhrilha xieraq.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 24 ta' Gunju 2005 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

B'riserva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-atturi skond il-ligi."

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-Konvenut Paul Camilleri prezentata fit-30 ta' Settembru 2005 u minnu mahlufa fl-istess data, liema nota s-Socjeta` imsejha fil-kawza Sovereign Holdings Ltd. strahet fuqha skont verbal tal-24 ta' Frar 2006, li permezz taghha wiegbu s-segwenti:-

"In linea preliminari, illi huwa gie mharrek inutilment stante illi huwa mhux il-legittimu kontradittur u ghandu ghalhekk jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, illi l-pretensjonijiet u t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi kif ser jirrizulta mill-fatti tal-kawza, mhux minnu illi bl-izvilupp li sar fil-fond adjacenti ghal dak ta' l-

> atturi ma nzammitx id-distanza li trid il-ligi kif kontemplat fl-Artikolu 443 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan anke kif jirrizulta mir-rapport peritali 'ex parte' anness bhala Dok A ma' dawn l-istess eccezzjonijiet.
>
> Fit-tielet lok u ukoll minghajr pregudizzju ghas-su-espost, illi konsegwentement ma hemm ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tikkundanna lill-esponent jaghmel xi xogholijiet rimedjali jew necessarji kif mitlub fit-tieni talba attrici.
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
>
> Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawza;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Ottubru 2017 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

Dwar il-fatti ma tantx hemm x'wiehed jghid hlief dan li gej:-

**1.** L-Atturi huma propjetarji tal-fond Elson, 4 , Triq Hal-Warda, Attard, mentri s-Socjeta` Konvenuta, kjamata fil-kawza permezz ta'

digriet tal-1 ta’ Frar 2006, hija propjetarja tal-fond adjacenti fi Triq iz-Zaghfran , Attard.

**2.** Cirka is-sena 2005 il-Konvenuti ghamlu xi xogholijiet fil-fond propjeta` taghhom. Fost dawn ix-xogholijiet ghamlu l-istruttura li tipprogetta ‘l barra, kif jidher mir-ritratti annessi mal-Att tac-Citazzjoni (ara a` fol 21 sa 25).

**3.** Minn certifikat peritali tal-Perit Godwin Abela tat-3 ta’ Gunju 2005 (a` fol 26), l-Atturi qed jilmentaw li l-Konvenuti ma zammewx id-distanza komminata mill-ligi bejn fond u iehor fil-kaz ta’ gallariji.

**4.** Ghalhekk l-Atturi proponew il-Kawza odjerna sabiex sa fejn jirrigwarda l-istrutturi mertu tal-kawza tinzamm id-distanza inkwistjoni u l-Konvenuti jaghmlu dawk ix-xogholijiet kollha rimedjali ghal dan l-iskop.

**<u>Punti ta’ Ligi</u>**

**5.** It-talbiet tal-Atturi huma bbazati fuq l-ilment li din l-opra inkwistjoni ma saritx f’distanza ta’ 76 centimetru mill-hajt divizorju kif jimponi l-Artikolu 443(2) tal-Kap. 16. Ghalhekk l-Atturi qed jitolbu lill-Qorti sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni b’mod li jigu osservati d-distanzi legali kif regolati bl-artikolu 443(2) tal-Kodici Civili.

**6.** Li l-Atturi qeghdin jipproponu l-azzjoni taghhom abbazi tal-artikolu 443(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jemergi kemm mic-certifikat tal-Perit fuq imsemmi, li jaghmel referenza specifika ghal dan is-subinciz tal-ligi u kif ukoll mill-ittra ufficjali li ntbaghtet mill-Atturi lill-Konvenut Paul Camilleri, datata 24 ta' Gunju 2005 (a` fol 28). Din l-ittra intbaghtet abbazi tac-certifikat peritali fuq imsemmi (ara dok sb 13 a` fol 30). Dan qed jinghad ghaliex fl-Att tac-Citazzjoni, hemm biss referenza generika ghall-artikolu 443 tal-Kodici Civili.

**7.** It-taghlim gurisprudenzjali fir-rigward ta' dan l-artikolu gie senjalat fis-sentenza **Maria Dolores Grima vs Joseph Spiteri datata l-1 ta' Ottubru 2009 tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri**. F'dik is-Sentenza il-Qorti rriteniet is-segwenti:-

> "L-Artikolu 443 jidher li jorbot idejn il-qorti, in kwantu ghall-applikazzjoni tieghu ma hemmx ghalfejn tinghata xi prova li l-gar ser ibaghati pregudizzju jew li mhux ser jakkwista utilita' jekk tintlaqa' t-talba tieghu sabiex il-konvenut jigi mgieghel josserva d-distanza legali. … Jidher li l-Artikolu 443 qieghed jimponi servitu' legali ghar-raguni ta' ordni pubbliku, cjoe li ma jkunx hemm introspezzjoni ghal fuq il-fond tal-vicin. *"L-Artikolu 443 jistabilixxi regoli fissi u certi biex kulhadd ikun jaf xi drittijiet u obbligi ghandu. Jaghmel dan fl-interess tal-ordnipubbliku. Fi kliem iehor, il-gar m'ghandux ghalfejn jipprova li qed isofri pregudizzju jekk id-distanza legali fil-bini ta' twieqi ma tinzammx mill-proprjetarju kontigwu.*

*Diversament, wiehed mhux biss imur kontra l-kelma cara tal-ligi – haga li timpedixxi l-ermanewtika legali – izda wiehed jikkreja sitwazzjoni ferm incerta, b'detriment tal-ordni pubbliku, meta regoli cari u fissi imposti b'ligi jigu soggettati ghal interpretazzjonijiet soggettivi dwar l-ezistenza o meno ta' pregudizzju."* (**Alfred Mizzi et vs Frank Corso et deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2003**). Dan minkejja xi argument fis-sens li t-talba tal-attrici m'ghandha l-ebda utilita' u hi biss att emulattiv (Dwar atti emulattivi ara sentenza tal-**Qorti tal-Appell (Imhallef P. Sciberras) fil-kawza Joseph Grech et vs Noel Cassar deciza fl-4 ta' Ottubru 2006**). Fid-dritt Taljan l-Artikolu 833 tal-Kodici Civili jipprovdi: *"Il proprietario non puo fare atti i quali non abbiano altro scopo che quello di nuocere o recare molestie ad altri."*. Madankollu m'hemmx att emulattiv meta l-pretensjoni ta' proprjetarju ta' fond hi ntiza *"..... a far valere in giudizio I diritti che gli competono per legge o per contratto che assume violati **ed e' irrilevante che tale violazione non si sia tradotta in un suo danno concreto ed effettivo.**"* (Cassazione, 11/9/1998 n. 9001). F'kaz iehor, inghad: *"La nozione di atto d'emulazione postula l'esercizio del diritto da parte del titolare, attraverso l'uso abnorme delle facolta' che gli competono, sicche' e' estranea ad essa la domanda giudiziale diretta ad ottenere dal vicino, il rispetto delle distanze legali, poiche', in tal caso, trattasi, piu' che di esercizio di un diritto, di azione intesa a difenderlo nella consistenza che ha secondo la previsione normativa." (*Commentario breve al Codice Civile Complemento Giurisprudenziale, G. Cian e A. Trabucchi (Cedam, 1996) pagna 833.*)*."

**8.** Fid-dawl tal-provi imressqa u tal-eccezzjonijiet moghtija mill-Konvenuti, li jrid jigi determinat hu, jekk din l-istruttura tikkwalifikax bhala wahda fit-termini tal-artiklu 443(2) tal-Kodici Civili u jekk fl-affermattiv, inzammitx id-distanza li jesigi dan is-subinciz tal-ligi.

**Konsiderazzjonijiet**

**9.** Mir-ritratti presentati mill-Perit Tekniku mar-rapport redatt minnu (a` fol 83 u 84) kif ukoll dawk mehudin mill-Perit mqabbad ex parte mill-Attur (a` fol 20 sa 25), jirrisulta li din l-opra tesporgi mal-faccata kollha tul it-tlett sulari tal-proprjetá tas-Socjeta` Konvenuta. Skont l-Atturi, ghalhekk evidenti, anke *ictu oculi*, li fil-bini ta' din l-opra l-Konvenuti ma zammewx 'il boghod mehtieg taht l-Artikolu 443(2) tal-Kodici Civili. Jidher li dan il-fatt gie stabbilit mill-Perit mahtur mill-Qorti, Mario Cassar, fir-rapport tieghu (a` fol 80) u kif ukoll kif indikat fic-certifikat mahrug mill-Perit ex parte tal-Atturi Godwin Abela (a` fol 26).

**10.** Minn naha l-ohra, il-Konvenuti jikkontestaw it-tezi tal-Atturi billi jsostnu, li l-opra in kwistjoni nbniet fil-konfini tal-linja tal-bini u ladarba nbniet fil-limiti tal-proprjetá taghhom ma titqiesx wahda li tohrog il-barra mill-hajt fit-termini tas-sub-inciz 2 tal-artikolu 443 tal-Kap. 16. Il-Qorti ghalhekk fehmet li l-Konvenuti qed jikkontendu, li f'dan il-kaz ghandu japplika s-sub-inciz 1 u mhux 2 tal-artikolu msemmi. F'dan is-sens, il-Konvenuti pproponew, li in ottemperanza mad-distanza rikjesta fis-sub-inciz 1 tal-artiklu msemmi, tigi mbarrata bil-gebel parti mit-tieqa li tghati

ghal fuq il-faccata tal-Atturi immarkata BC f'Dok PA 1 a` fol 84 tal-process (ara verbal datat 27 ta' Frar 2009 a` fol 124).

**11.** Huwa utli ssir referenza ghax-xhieda tal-Perit tekniku Mario Cassar, meta prodott in eskussjoni mill-Konvenuti, rinfaccjat b'zewg ritratti (a` fol 153), xehed hekk:-

"***Dr. Ian Spiteri Bailey:*** *Jekk niehdu l-linja divizorja bhala t-tmiem tal-hajt, dik il-koxxa, dak il-kantun qabel ma jibda' dak il-hajt abjad, biex niftehmu, bhala t-tmiem tal-font tal-atturi u jekk qed nghidu li l-MEPA tat alignment b'mod u manjiera li f'l-ezempju tax-xhieda l-konvenut seta' johrog metro fuq Triq iz-Zafran, x'inhi d-diffikulta fl-applikazzjoni tal-ligi b'mod tekniku kif rrelatajt inti li s-76cm jinzammu minn dik il-linja l-barra minn Triq iz-Zafran*

***Xhud:*** *Sur Imhallef, ma jidhirlix li dawn kienu a konoxxenza tieghi. Minn dawn ir-ritratti, teknikament il-konvenut m'ghamilx gallarija jew projection il-barra fejn hemm il-kurva skond dawn ir-ritratti ghax skond dawn hemm il-parti cara li tidher jekk hija kollha propjetá tal-Konvenut ma harigx barra minnha allura m'ghamilx projections.*

***Dr. Ian Spiteri Bailey:*** *Allura dik id-dikjarazzjoni kif tikkonferma jew tvarja r-relazzjoni originali tieghek*

***Xhud:*** *Minn dawn ir-ritratti li nghid huwa li fuq dak il-metru li tigi fil-kurva strettament jidher li nzammu s-76cm skond kif titlob id-distanza skond il-ligi.*

***Dr. Ian Spiteri Bailey:** Ghall-precizjoni Perit, jekk tinzamm is-76cm mill-koxxa, minn dak il-kantun li jaghlaq il-propjetá tal-atturi l-barra. Ha nkun korrett anke jiena*

***Xhud:** Seta' jitkejlu is-76cm minn dik il-linja li tidher fuq hawn la darba minn hemm il-barra hu kollu tas-socjetá konvenuta u jista' johrog projection hemmhekk.*" (ara fol 217 u 218)

**12.** Wara z-zewg accessi l-Perit Mario Cassar, wasal ghall-konkluzjoni li l-Konvenuti ma kienux zammew id-distanza kominata mill-ligi. Kien fl-ahhar eskussjoni, li jidher li wera xi riservi. Izda tajjeb li jinghad li anke hawn, ikkawtela l-opinjoni tieghu bil-kliem "*hemm il-parti cara li tidher **jekk hija kollha propjetá tal-Konvenut"*** (emfazi tal-Qorti). Din il-posizzjoni ma jidhirx li hija addossata mir-realtá tas-sitwazzjoni kif tohrog mill-atti processwali.

**13.** Jirrisulta mill-kopja tas-site plan (a` fol 154), ipprezentata min Ivor Robinich, rapprezentant tal-Awtoritá tal-Ippjanar, li l-linja tal-bini mmarkata bhala BL (ara xhieda a` fol 165) fi Triq Zaghfran, hija linja kontinwa li testendi mal-faccata tal-binja adjacenti propjetá tal-Atturi (ara a` fol 165). Isegwi ghalhekk li, diversament minn dak li jsostnu l-Konvenuti, l-opra inkwistjoni fil-fatt tesporgi l-barra mill-konfini tal-istess linja. Dan ifisser li meta inbniet din l-opra, is-Socjetá Konvenuta harget 'l barra mill-proprjetá taghha. Kwindi din l-opra, ma tistax titqies bhala parti mill-propjetá tas-Socjetá Konvenuta, izda bhala *projection,* ghaliex

'tohrog 'l barra mill-hajt' u ghalhekk applikabbli l-effetti tal-artikolu 443 (2) tal-Kodici Civili.

**14.** Apparti li fil-kamp civili, il-konvinciment tal-Qrati kwantu jirrigwarda l-grad ta' prova rikjest, jistrieh fuq il-principju tal-bilanc ta' probabiltajiet (ara **Decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Per Magistrat Josette Demicoli, fl-ismijiet Peter Muscat et -vs-Carmelo Grima et tat-28 ta' Ottubru 2011 )**, fil-kaz ta' servitujiet, anke dawk krejati mill-ligi, meta jinholoq dubbju dwar l-ezercizzju tal-istess, il-Qorti hija gwidata mill-azioma *"Servitus sic interpretanda est ut quam fieri potest incommodo fundus serviens oneretur."* Di fatti t-taghlim gurisprudenzjali huwa fis-sens "Illi bil-ligi, sid il-fond dominanti ma jista' jaghmel xejn li jtaqqal il-piz tal-fond servjenti. Fid-dubbju ghandu jigi deciz favur il-fond servjenti." **(ara Decizjoni tal-Appell Civili Superjuri tal-4 ta' Mejju 1953 fl-ismijiet Carmelo Vassallo -vs- Nicola Galea)**

**15.** Fil-kaz odjern, ma hemm ebda dubju dwar liema hu l-fond dominanti: dak tal-Konvenuti. Igifieri, anke kieku stess ma jirrisultax b'mod car l-istat ta' fatti, fil-kuntest tad-dubbju li seta' inzera' wara t-tieni access tal-Perit Mario Cassar u fid-dawl tax-xhieda tieghu fil-kontra ezami sucitat, din il-Qorti thoss, li fic-cirkostanzi tal-kaz, it-taghlim appena imsemmi, huwa similment applikabbli, anke fir-rigward dwar

dubji li jistghu jitqanqlu kwantu jirrgwarda z-zamma o' meno tad-distanzi li ghandhom jinzammu skont il-ligi.

**16.** Ghalhekk din il-Qorti hija tal-konvinciment li ghal kaz odjern huwa applikabbli l-artiklu 443(2) u mhux 443(1) ghaliex l-istruttura inkwistjoni tikkwalifika ghall-gallarijia jew progezzjoni fit-termini tas-subinciz 2.

**17.** Imiss issa li tkun trattata l-ewwel eccezzjoni tal-Konvenut Paul Camilleri fil-kwalita` tieghu personali (a` fol 7). Din hija fis-sens, li hu ma hux il-legittimu kontradittur. Il-Qorti kienet tistenna li tal-inqas, il-konvenut personalment jindika kontra min kellha tkun indirizzata l-kawza. L-anqas dan ma ghamel. Ghalhekk ai fini ta' din l-eccezzjoni huwa utli li jigu traccjati certu fatti sa fejn jirrigwarda lill-Konvenut fil-vesti personali tieghu.

**18.** Fl-ittra ufficjali tal-24 ta' Gunju 2004 (citata supra), l-Attur indika lil Paul Camilleri personalment kwantu jirrigwarda t-talbiet tieghu li waslu ghall-Kawza odjerna. Paul Camilleri **personalment,** b'ittra legali tat-30 ta' Gunju 2005 (a` fol 29) wiegeb ghaliha billi rrespinga l-pretensjonijiet tal-Atturi fost ohrajn ghaliex id-distanza tal-ligi kienet qeghdha tkun rispettata. Igifieri sa dak in-nhar, mhux biss ma qalx li ma kienx il-legittimu kontradittur, izda sahansitra ggustifika l-ghemil li minnu kien qieghed jilmenta l-Attur.

**19.** B'ittra responsiva tas-6 ta' Lulju 2005 b'risposta ghall-ittra fuq imsemmija tal-Konvenut Paul Camilleri (a` fol 30), l-Attur rega' tenna l-posizzjoni tieghu fil-waqt li rrespinga l-allegazzjonijiet li kien ghamel il-Konvenut personalment fl-ittra tieghu fuq imsemmija. Ma jirrisultax li l-Konvenut wiegeb ghall-ahhar ittra, biex ghalhekk kompla ta x'jifhem li hu personalment kellu x'jaqsam max-xogholijiet mertu ta' din il-Kawza. Aktar minn hekk, l-istess Paul Camilleri personalment, sahansitra kien l-applikant mal-MEPA sabiex gie ottenut il-permess biex tinbena l-opra inkwistjoni.

**20.** Tajjeb li jigi sottolinejat li waqt l-iskambji kollha fuq imsemmija, kif ukoll fil-mument tal-applikazzjoni fuq mal-MEPA, il-Konvenut Paul Camilleri kien ben konsapevoli tal-esistenza tas-Socjeta` Konvenuta. Dan tant huwa minnu, li fir-risposta ghar-rikors tal-Atturi biex tkun kjamata fil-kawza s-Socjeta` Konvenuta, mhux biss ma opponiex ghat-talbiet, izda sabiex jiffranka l-ispejjes li tigi presentata nota ta' eccezzjonijiet ohra, peress li Paul Camilleri huwa Direttur taghha, talab li jkun ezentat milli jerga' jippresenta nota ohra (a` fol 61 u ara ukoll verbal a` fol 62). Di fatti s-Socjeta` kjamata fil-kawza kienet ilha propjetarja tal-istabbli fejn saru ix-xogholijiet sa mis-26 ta' Awwissu 1999 (ara kuntratt ta' akkwist a` fol 38). Tajjeb ukoll li jigi innotat, li fir-rikors ghall-kjamata fil-kawza tas-Socjeta` Konvenuta, l-Attur indika, li kien gie zgwidat mill-Konvenut Paul Camilleri fil-vesti personali tieghu (a` fol 56 ).

**21.** Dan ifisser li sa minn qabel il-kawza, il-Konvenut Paul Camilleri fil-vesti personali tieghu, mhux biss sgwida lill-Atturi kwantu kontra min kellha tkun indirizzata, izda b'ghemilu stess, partikolarment bil-korrispondenza fuq imsemmija u bil-fatt li kien hu li applika mal-MEPA biex isir l-izvillupp, tajjeb jew hazin, ghazel ukoll li jitghabba bl-agir tas-Socjeta` Konvenuta.

**22.** Ghalhekk din il-Qorti tqies, li Paul Camilleri ghandu fil-vesti personali, iwiegeb ghat-talbiet Attrici flimkien mas-Socjeta` Konvenuta.

**Decide**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijet fuq imsemmija, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tal-Konvenuti.

**Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li fil-kostruzzjoni tal-opra mertu ta' din il-Kawza, il-Konvenuti naqsu milli jzommu d-distanzi rikjesti mill-ligi ta' l-aperturi mill-hajt divizorju li jifred il-fond tas-Socjeta` Konvenuta mill-fond tal-Atturi u dan bi ksur tal-artiklu 443(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tilqa' t-tieni talba** u tordna lill-Konvenuti sabiex jaghmlu dawk ix-xogholijiet li huma mehtiega, fi zmien qasir u perentorju ta' xahrejn mid-data ta' din is-sentenza, sabiex l-opra kkostruwita fil-fond tas-Socjeta` Konvenuta fi Triq iz-Zaghfran, Attard titqieghed f'distanza konformi ma' dak li jiddisponi l-Artikolu 443(2) tal-Kodici Civili. Ghal din l-iskop, il-

Qorti qed tahtar lill-Perit Carmel Caccopardo sabiex mhux biss jissorvelja x-xogholijiet li ghandhom isiru, izda jaghti ukoll direzzjoni ta' kif ghandhom isiru.

**Tilqa' t-tielet talba** u fin-nuqqas li l-Konvenuti jaghmlu x-xogholijiet mehtiega fiz-zmien lilhom prefiss kif fuq inghad, tawtorizza lill-Atturi sabiex jaghmlu dawk ix-xogholijiet kollha mehtiega ai fini tat-tieni talba, a` spejjez tal-Konvenuti, liema xogholijiet ghandhom isiru taht id-direzzjoni u s-supervizjoni tal-Perit fuq imsemmi.

L-ispejjes kollha tal-kawza a` karigu tal-Konvenuti, inkluzi dawk tal-Perit imsemmi.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**